# It-Taghlim tas-Sewwa



*Harsa lejn l-izvilupp ta' taghlim Kattoliku Ruman, mill-istorja tal-Knisja ta' Gesu'. Ha nzommu shih mat-taghlim ta' l-appostli; ha jkollna l-kuragg inwarrbu t-tradizzjonjiet umani, b'hekk naghrfu 'l Alla fis-sewwa u noghgbuh f'kollox.*


1. Katekizmu
2. Koncilji
3. Apokrifa
4. Storja


**<u>1. Katekizmu</u>**

- Il-Knisja Kattolika Rumana **tammetti** dwar it-taghlim!

Kwotazzjonijiet:

Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika
Arcidjocesi Ta' Malta
Gwanni Pawlu II
25 ta' Gunju 1992

Pagna 4

Kristu r-raghaj it-tajjeb li bl-awtorita' **tieghu** imexxi u jhares il-fidili tieghu, jigbidhom lejh bil-hlewwa tas-sinfonija **tal-verita'**, u jmiddhom ghad-dell tas-sigra tal-hajja, is-salib tieghu, li bih **kisbilna** s-salvazzjoni u **fethilna** s-sema.

Pagna 20 Paragrafu 15

Is-salvazzjoni li sehhet **darba ghal dejjem** permezz ta' **Kristu Gesu'**.

Pagna 36 Paragrafu 65

Araw ghaliex issa, jekk xi hadd irid jistaqsih [lil Alla] jew jixtieq minn ghandu xi **dehra j**ew **rivelazzjoni**, mhux biss ikun jaghmel xi bluha**,** imma jkun ukoll joffendi lil Alla, ghax ma jkunx qed jitfa' harstu biss fuq Kristu, imma jkun ifittex xi hag'ohra, jew xi haga gdida.

Pagna 36 Paragrafu 66

M'ghandniex nistennew ebda **rivelazzjoni** pubblika gdida f'dan iz-zmien qabel id-dehra glorjuza ta' Sidna Gesu' Kristu.

Pagna 43 Paragrafu 104

**Fl-Iskrittura Mqaddsa** l-Knisja ssib bla heda l-manteniment u l-qawwa taghha, ghax ma tilqax l-Iskrittura bhala biss kelma tal-bniedem, imma tilqaghha bhala dak li tassew hi, **il-Kelma ta' Alla**. **Fil-Kotba Mqaddsa**, il-Missier tas-sema, bit-tjieba kollha tieghu, jigi quddiem uliedu u joqghod jithaddet maghhom.

Pagna 49 Paragrafu 131

Hemm tant qawwa u sahha **fil-Kelma ta' Alla**, li zzomm u tqawwi l-Knisja, issahhah ulied il-Knisja fil-fidi taghha, tmantni lil ruhhom, u hi nixxiegha safja li ma tintemm qatt fil-hajja spiritwali taghhom. Jehtieg li l-bieb ta' **l-Iskrittura Mqaddsa** jkun miftuh berah ghall-insara.

Pagna 49 Paragrafu 133

Il-Knisja theggeg bil-qawwa kollha u tinsisti ma' l-insara kollha biex bil-qari ta' spiss **tal-Kotba Mqaddsa** jaghrfu lil Kristu Gesu'. Fil-fatt min ma jafx **il-Kotba Mqaddsa** ma jafx lil Kristu.

Pagna 50 Paragrafu 135

**Il-Kotba Mqaddsa** fihom **il-Kelma ta' Alla**, u ghax huma ispirati huma tassew din il-Kelma.

Pagna 50 Paragrafu 136

Alla hu l-awtur ta' **l-Iskrittura Mqaddsa** ghax nebbah in-nies li kitbuha, hadem fihom u bihom. Hu jizgura ukoll li l-kitbiet taghhom jghallmu bla zball il-verita' tas-salvazzjoni.

Pagna 51 Paragrafu 143

**Bil-fidi** l-bniedem ihalli ghal kollox f'idejn Alla l-intelligenza u r-rieda tieghu u, b'ruhu u gismu jaghti l-kunsens tieghu lil Alla, awtur tar-rivelazzjoni. L-Iskrittura sejjah ubbidjenza **tal-fidi** din it-twegiba tal-bniedem lil Alla, li jirrevela lilu nnifsu.

Pagna 52 Paragrafu 150

Hi haga xierqa u sewwa li wiehed **jafda** ruhu ghal kollox f'Alla u jemmen bis-shih kull ma jghid.

Pagna 52 Paragrafu 153

**Il-fidi** hi **grazzja**. **Il-fidi** hi don ta'Alla, virtu sopranaturali msawba fina minnu.

Pagna 75 Paragrafu 232

L-insara jitghammdu fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. **iwiegbu**: Nemmen ghat-tliet mistoqsijiet li jsirulhom ha **jistqarru** l-fidi taghhom fil-Missier, fl-Iben u fl-Ispirtu s-Santu.

Pagna 118 Paragrafu 430

Gesu' bil-Lhudi jfisser Alla **jsalva**. Ghaliex Alla biss jista' **jahfer** id-dnubiet, hu Alla li, f'Gesu', Ibnu minn dejjem ta' dejjem u li sar bniedem, **isalva** l-poplu minn dnubietu.

Pagna 118 Paragrafu 432

L-isem ta' Gesu' jfisser li l-istess Isem ta' Alla jinsab fil-Persuna ta' Ibnu, sar bniedem biex jehles il-bnedmin kollha **darba ghal dejjem** minn dnubiethom. Hu l-Isem ta' Alla **biss** li jaghti s-salvazzjoni, u issa jista' jissejjah minn kulhadd ghax Gesu' inghaqad mal-bnedmin kollha bl-inkarnazzjoni hekk li mkien taht is-sema **ma hemm** Isem Iehor moghti lill-bnedmin li bih ahna ghandna nkunu salvi.

Pagna 129 Paragrafu 480

Gesu' Kristu hu veru Alla u veru bniedem, u Persuna wahda, il-Persuna divina; ghalhekk hu **l-Medjatur wahdieni** bejn Alla u l-bnedmin.

Pagna 129 Paragrafu 481

Gesu' ghandu **zewg** naturi, in-natura divina u n-natura umana, **mhux** imhalltin ma' xulxin, imma maghqughdin flimkien fil-Persuna wahda tal-Iben ta' Alla.

Pagna 138 Paragrafu 519

U issa wkoll hu [Kristu] **id-Difensur** taghna quddiem il-Missier, dejjem haj biex **jidhol** ghalina. B'dak kollu li minnu ghadda u b'dak kollu li bata ghalina **darba ghal dejjem**, jibqa' dejjem **jidher** ghaliha quddiem Alla.

Pagna 139 Paragrafu 524

Il-Knisja tinghaqad max-xewqa tieghu [ta' Gwanni l-Battista]: jenhtieg **jikber** Hu [Gesu'] u nickien jien.

Pagna 140 Paragrafu 529

**Perfetta** u **wahdanija**, ta' l-offerta tas-salib li jaghti s-salvazzjoni, li Alla hejja ghall-popli kollha.

Pagna 142 Paragrafu 537

Bil-Maghmudija, in-nisrani jixxebbah… ma' Gesu', u fil-Maghmudija tieghu ghex minn qabel il-mewt u l-qawmien tieghu mill-imwiet: in-nisrani ghandu jidhol f'dan il-misteru ta' l-gharfien tac-cokon u xejn tieghu u ta' l-indiema, **jinzel** fl-ilma' ma' Gesu'.

Pagna 143 Paragrafu 540

Hu ghalhekk li Kristu rebah ix-xitan ghalina. Ghax ahna ma ghandniex **qassis il-kbir** li ma jistax jaghder id-dghufija taghha, imma ghandna **wiehed** li kien imgarrab bhalna f'kollox **minbarra** d-dnub.

Pagna 150 Paragrafu 571

Il-pjan ta' Alla ghas-salvazzjoni sehh **darba ghal dejjem** bil-mewt li fdietna ta' Ibnu Gesu' Kristu.

Pagna 150  Paragrafu 572

Il-Knisja thares bil-fedelta kollha t-tifsir ta' kull ma hemm **fl-Iskrittura** li ta Gesu' stess.

Pagna 154 Paragrafu 589

Ghax, kif qalu sewwa fit-tahwida li fiha sabu ruhhom: Min jista' jahfirhom id-dnubiet **hlief** Alla **biss**?

Pagna 154 Paragrafu 589

**Jidghi**, ghax kien bniedem u ghamel lilu nnifsu daqs Alla.

Pagna 160 Paragrafu 610

Lejlet il-Passjoni, meta kien ghadu hieles, Gesu' b'din l-Ahhar Ikla ma' l-appostli ghamel **it-tifkira** ta' l-offerta hielsa tieghu lill-Missier ghas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha.

Pagna 161 Paragrafu 613

Il-mewt ta' Kristu hi s-sagrificcju **wahdieni** u **definittiv**.

Pagna 161 Paragrafu 614

Dan is-sagrificcju ta' Kristu huwa **uniku**, **itemm** u **jghaddi** s-sagrificcji kollha.

Pagna 161 Paragrafu 615

Gesu' **patta** ghad-dnubiet taghna u ta hlas **xieraq** lill-Missier ghal dnubietna.

Pagna 161 Paragrafu 616

**Ebda bniedem**, l-anqas l-ikbar qaddis, ma seta' jitghabba bid-dnubiet tal-bnedmin kollha u joffri lilu nnifsu b'sagrificcju ghal kulhadd.

Pagna 162 Paragrafu 618

Is-salib hu s-sagrificcju **wahdieni** ta' Kristu **il-medjatur wiehed** bejn Alla u l-bniedem.

Pagna 164 Paragrafu 628

Il-Maghmudija, li s-sinjal **shih** u **originali** taghha hi **l-immersjoni**.

Pagna 173 Paragrafu 662

Gesu', **il-Qassis wahdieni** tal-Patt il-Gdid u **ghal dejjem** ma dahalx f'santwarju maghmul b'idejn il-bnedmin… imma dahal fis-sema stess, biex issa **jidher** ghalina quddiem Alla. Kristu fis-sema jaqdi **dejjem** is-sacerdozju tieghu, **dejjem** haj biex **jidhol** ghal dawk li bih jersqu lejn Alla.

Pagna 173 Paragrafu 666

Gesu' Kristu, **ir-Ras** tal-Knisja.

Pagna 173 Paragrafu 667

Gesu' Kristu, issa li dahal **darba ghal dejjem** fis-santwarju tas-sema, **jidhol** dejjem ghalina bhala **medjatur** taghna u jizgurana li l-Ispirtu s-Santu jibqa' dejjem jissawwab fina.

Pagna 174 Paragrafu 668

Gesu' Kristu hu l-Mulej: ghandu **kull** setgha fis-sema u **fl-art**.

Pagna 179 Paragrafu 686

Il-Pjan ta' Alla li **jsehh** fi Kristu, **il-kbir** fost hafna **ahwa** u **r-Ras** tal-holqien gdid.

Pagna 179 Paragrafu 687

Dawk li **jemmnu** fi Kristu jaghrfuh [lil Alla] ghax jghammar fihom.

Pagna 193 Paragrafu 751

Il-kelma Knisja, ekklesia mill-Grieg, ek kalein issejjah ghall-gemgha, tfisser sejha u tintuza biex tfisser **gemghat tal-poplu**.

Pagna 194 Paragrafu 754

Kristu **wahdu** hu l-bieb li wiehed jista' jidhol minnu.

Pagna 194 Paragrafu 755

Il-Mulej stess ixebbah lilu nnifsu mal-gebla li warrbu l-bennejja u li saret **il-gebla tax-xewka**. Fuq dan **il-pedament** tinbena l-Knisja mill-Appostli.

Pagna 198 Paragrafu 771

Kristu, **il-medjatur wahdieni**.

Pagna 201 Paragrafu 784

Kristu l-Mulej, **il-Qassis il-kbir** mehud minn fost il-bnedmin, ghamel mill-Poplu gdid saltna u **qassisin** ghal Alla Missieru.

Pagna 206 Paragrafu 803

Intom [il-Kristjani] gens mahtur, **sacerdozju** regali, nazzjon **qaddis**, poplu li Alla kiseb ghalih.

Pagna 211  Paragrafu 823

Kristu, l-Iben ta' Alla, li flimkien mal-Missier u ma' l-Ispirtu, hu **wahdu** qaddis.

Pagna 211 Paragrafu 823

Il-Knisja mela hi **l-Poplu qaddis** ta' Alla u l-membri taghha jissejhu **qaddisin.**

Pagna 261 Paragrafu 1051

Kristu **l-imhallef** tal-hajjin u tal-mejtin

Pagna 287 Paragrafu 1141

Dan **is-sacerdozzju** komuni ta' **kulhadd** hu s-sacerdozju ta' Kristu, li hu **wahdu l-Qassis**, **sacerdozju** li fih ghandha sehem il-membri **kollha** tieghu.

Pagna 305 Paragrafu 1214

Tghammed, baptizein bil-Grieg, baptizare bil-latin tfisser **tghaddas**, **iddahhal** fl-ilma.

Pagna 348 Paragrafu 1577

Ara 1 Tim 3:1-13, Titus 1:5-9.

Il-Knisja Kattolika Rumana tittraduci dan il-vers hekk:

Il-Bibbja It-Tieni Edizzjoni

Ghaqda Biblika Maltija 1996

1 Tim 3:1-13.

L-ghazla ta' l-isqof.

Din kelma ta' min joqghod fuqha… Jehtieg, imma, li l-isqof… li jkun ragel ta' **mara**… li jkun ragel jaf imexxi tajjeb **id-dar** tieghu; u li jzomm lil **uliedu**… Ghax jekk wiehed ma jkunx jaf imexxi **'l daru** stess, kif jista' jiehu hsieb il-Knisja ta' Alla?

L-ghazla tad-djakni.

Hekk ukoll id-djakni… Hekk ukoll **in-nisa** taghhom… Id-djakni jkunu rgiel li ma jkunux mizzewgin ma' aktar minn **mara** wahda, u li jkunu jafu jmexxu **'l uliedhom** u **'l djarhom** sewwa.

Titus 1:5-9.

Tahtar presbiteri f'kull belt, skond ma ordnajtlek. Kull min ikun mahtur… ikun ragel ta' **mara** wahda, u jkollu **uliedu** jemmnu… L-isqof… ghandu jkun… bniedem li jzomm shih **mal-kelma**.

Pagna 355 Paragrafu 1441

Alla **biss** jahfer id-dnubiet.

Pagna 391 Paragrafu 1610

Il-kuxjenza morali dwar li z-zwieg hu **wiehed** u ma **jinhallx**.

Pagna 391 Paragrafu 1611

Iz-zwieg hu **wiehed** u ma **jinhallx**.

Pagna 392 Paragrafu 1615

R-rabta taz-zwieg ma **tinhallx**.

Pagna 420 Paragrafu 1709

Min **jemmen** fi Kristu jsir **iben Alla**.

Pagna 421 Paragrafu 1715

Min **jemmen** fi Kristu ghandu l-hajja gdida **fl-Ispirtu s-Santu**.

Pagna 475 Paragrafu 2005

**Il-grazzja**, ghax hi ta' l-ordni sopranaturali, la jista' jkollna esperjenza taghha, lanqas nistghu naghrfuha jekk mhux **bil-fidi**. Mela ma ghandniex nafdaw fuq **is-sentimenti** taghna jew fuq **il-hidmiet** taghna biex naslu nghidu li ahna gustifikati u salvati.

- B'mod kontradittorju il-Knisja Kattolika Rumana tghallem **l-oppost**!

**Magisteru** tal-Knisja Rumana biss jistghu jfissru l-Iskrittura, minflok li l-Kelma ta' Alla tfisser lilha nfisha.

**Papa** fil-Vatikan: bhala kap, bieb u blata tal-Knisja Rumana u Vigarju fuq l-art; minflok Gesu' li hu r-Ras, il-bieb u l-Blata tal-Knisja u ghandu kull setgha fuq l-art, jew l-Ispirtu s-Santu li hu l-Vigarju ta' Gesu' fuq l-art.

**Knisja** Rumana bhala l-uniku mezz ta' salvazzjoni: li trid taghmlek membru taghha biex tikseb il-mezzi kollha ghas-salvazzjoni; minflok Gesu' bhala l-uniku mezz ta' salvazjoni, u li Hu jaghmlek membru tal-Knisja tieghu.

**Kleru** apparti mill-lajci: minflok saltna ta' qassisin ta'l-insara kollha ahwa; b'Gesu' bhala huna l-kbir, il-Qassis il-Kbir u wahdieni tat-Testment il-Gdid ghal dejjem

**Qassisin** Rumani b'titli ta' dagha, peress li huma unici ta' Alla.

Isqfijiet, raghajja, presbiteri/xjuh u djakni Rumani **bic-celibat**; minflok li mizzewgin u bi tfal fidili, kif tordna l-Iskrittura.

**Tradizzjoni** tal-Knisja Rumana; meqjusa awtorevoli daqs l-Iskrittura, il-Kelma ta' Alla.

L-kotba ta' **l-apokrifa**, mizjuda ma' l-Iskrittura.

**Vizzjonijiet** ta' suppost Gesu', Marija, mejtin ohra u angli: li suppost dehru wara li ntemmet l-Iskrittura; b'taghlim oppost ghall-Kelma ta' Alla, accettati , mhegga u mizjuda ma' l-Iskrittura.

Sistema ta' **sagramenti**, mizjuda mal-fidi.

**Purgatorju**, mizjud mal-Genna.

**Quddies** ripetut bhala sagrificcju b'gisem u demm reali: minflok tifkira tas-sagrificcju ta' darba ghal dejjem; li sehh u hu perfett, wahdieni, uniku, definittiv u xieraq tas-salib, li jtemm u jghaddi s-sagrificcji kollha permezz tas-simboli tal-hobz u l-inbid.

**Opri** tal-ligi u tal-karita'; mizjuda mal-grazzja permezz tal-fidi, ghas-salvazzjoni.

**Maghmudija** ghat-trabi bit-traxxix ta' l-ilma; minflok tghaddis u inzul fl-ilma ghall-kbar, li wiegbu u stqarrew il-fidi f'Gesu'

**Maghmudija** minflok il-fidi, li taghmilna ulied Alla skond l-Iskrittura.

Mahfra tad-dnubiet permezz tas-sagramenti: fosthom **il-maghmudija** u wara **l-qrar**; minflok il-mahfra tad-dnubiet, diretta minghand Alla permezz tal-fidi.

**Qrar** fil-widnejn tal-kleru bhala mhallfin: drawwa gdida mis-seba' seklu 'l hawn; minflok il-mahfra tad-dnubiet, li jaghti Alla biss permezz tal-fidi.

Qima **lill-angli** mizjud, mal-qima lil Alla.

Litanija ta' titli **lill-Madonna** dejjem jikbru: u litanija ta' ismijiet ta' **mejtin**; mizjuda fit-talb ma' l-Isem ta' Gesu', li dejjem jiddefendina, jidhol u jidher ghalina.

**Madonna** u **mejtin** ohra mizjuda fit-talb: minflok lil Gesu l-medjatur wahdieni; ghalavolja hadd minnhom mhu qaddis daqsu, miet ghalina u hafrilna dnubietna.

**Madonna** bhala suppost Omm Gesu' fin-natura ta' Alla; mizjuda ma' Marija, omm Gesu' fin-natura ta' bniedem.

**Madonna** minghajr dnub u bieb tas-sema: minflok Marija li kellha bzonn ta' Salvatur li jsalvha minn dnubietha; Alla wahdu, li Hu bla dnub u l-bieb tas-sema.

**Xbihat** ta' Gesu' u ohrajn; mdahhlin fil-qima Kattolika Rumana, ghalavolja l-Iskrittura tikkundanna dan.

**Tempji** Kattolici Rumani msejjhin Knisja, mizjuda ma' Knisja bhala l-gemgha u l-poplu msejjha minn Gesu'.

**Qaddisin** maghmulin mill-Papa: wara l-mewt; minflok il-kristjani kollha mahturin qaddisin minn Alla, f'din id-dinja permezz tal-fidi.

Knisja Rumana li sewwa tghallem kontra d-divorzju; imma fl-istess hin tghallem **l-annullament**, biex xorta jerga' jsir zwieg iehor.

L-Ispirtu s-Santu suppost moghti permezz **tal-grizma ta' l-isqof**, minflok moghti minn Alla permezz tal-fidi.

Id-duttrina u l-uzu ta' **l-indulgenzi**: li jinkisbu biss permezz tal-Knisja Rumana; biex jinhaffru d-dnubiet kif misthoqq skond l-istess Knisja Rumana; minflok il-mahfra minghajr piena offruta minghand Gesu', permezz tal-fidi.

**Il-grazzja** ta' Alla mghallma bhala hlas tal-karizma u l-ghemil taghna; minfok rigal b'xejn, permezz tal-fidi.

Suppost awtorita' ta' **mirakli** mill-Knisja Rumana, mizjuda wara li ntemm jinkiteb it-Testment il-Gdid.

Precetti ta' **astinenza** mill-laham, kuntrarju ghal dak li jghallem it-Testment il-Gdid.

- Il-Knisja Kattolika Rumana **ma tichadx** dwar l-origini tat-taghlim taghha!

Kwotazzjonijiet :

Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika

Arcidjocesi Ta' Malta

Gwanni Pawlu II

25 ta' Gunju 1992

Pagna 101 Paragrafu 352

Il-Knisja **tqim** l-angli.

Pagna 125 Paragrafu 466

Il-Koncilju ta' Efesu **fl-431** ipproklama li Marija saret Omm Alla.

Pagna 129 Paragrafu 476

Fis-seba Koncilju Ekumeniku, it-tieni Koncilju ta' Nicea, **fl-787**, l-Knisja gharfet bhala haga legittima li jkun hemm xbihat ta' Kristu.

Pagna 131 Paragrafu 491

Tul iz-zminijiet il-Knisja ntebhet li Marija **mimlija bil-grazzja** min Alla, giet mifdija sa mit-tnissil taghha.

Id-domma tat-tnissil bla tebgha tal-Vergni Marija, ipproklamat **fl-1854** mill-Papa Piju IX.

[Nota personali: L-Iskrittura Mqaddsa tghallem Luqa 1:28

U l-anglu dahal ghandha, u qal: Is-sliem ghalik, int li lilek **moghtija grazzja**.]

Il-Knisja Kattolika Rumana tittraduci dan il-vers hekk:

Il-Bibbja It-Tieni Edizzjoni

Ghaqda Biblika Maltija 1996

L-anglu dahal ghandha u qalilha: Sliem ghalik, **mimlija bil-grazzja**.

[Nota personali: L-Iskrittura Mqaddsa tghallem Atti 6:5, 8; 7:55.

Stiefnu, ragel **mimli** bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu… Stiefnu, **mimli** fidi u qawwa… **mimli** bl-Ispirtu s-Santu.]

Il-Knisja Kattolika Rumana tittraduci dan il-vers hekk:

Il-Bibbja It-Tieni Edizzjoni

Ghaqda Biblika Maltija 1996

Stiefnu, bniedem mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu… Stiefnu kollu **grazzja** u qawwa… mimli bl-Ispirtu s-Santu.

[Nota personali: Bl-istess argument mela Stiefnu kien aktar bla dnub minn Marija; ghax jekk Marija kellha bzonn timtela' bil-grazzja, Stiefnu kien aqwa minnha ghax hu diga' kien kollu grazzja!]

Pagna 209 Paragrafu 816

**Il-Knisja wahda** ta' Kristu… **il-Knisja kattolika**… **Biss permezz tal-Knisja kattolika**… li hi **l-mezz** tas-salvazzjoni ghal kulhadd, jistghu jinkisbu **l-mezzi** kollha ghas-salvazzjoni.

Pagna 356 Paragrafu 1447

**Mis-seba' seklu 'l hawn**, ispirati mit-tradizzjoni monastika tal-Lvant, l-irhieh Irlandizi xerrdu ma' l-Ewropa… **Minn dak iz-zmien** is-sagrament baqa' jigi celebrat… **Din id-drawwa gdida**.

Pagna 369 Paragrafu 1510

Hemm xi hadd marid fostkom? Halli dan isejjah lill-presbiteri tal-Knisja u halli dawn jitolbu ghalih u jidilkuh biz-zejt f'isem il-Mulej, u t-talba **tal-fidi** ssalva lill-marid u **l-Mulej iqajmu**, u jekk ikun ghamel xi dnub jinhafrulu.

Pagna 369 Paragrafu 1512

Tul iz-zminijiet dan id-dlik tal-morda beda dejjem aktar jigi riservat ghal dawk li jkunu waslu biex **imutu**. Minhabba f'hekk is-sagrament beda jissejjah l-Ahhar dilka.

[Nota personali: Bl-istess argument il-Knisja Kattolika Rumana m'ghandiex dan id-dritt; ghax jekk il-marid ifiq tghid li bis-sahha taghha,

u jekk imut tghid li Alla hekk ried!]

Pagna 506 Paragrafu 2131

Is-seba' Koncilju ekumeniku, li sar f'Nicea fis-sena **787**… ggustifika l-kult ta' l-ikoni, xbihat qaddisa.

Pagna 257 Paragrafu 1032

Il-Knisja tirrakkomanda… **l-indulgenzi**… b'suffragju ghall-mejtin.

Pagna 362 Paragrafu 1471

Id-duttrina u l-uzu ta' **l-indulgenzi** fil-Knisja.

**L-indulgenzi** jistghu jintrebhu kemm ghall-hajjin u kemm ghall-mejtin.

Pagna 367 Paragrafu 1498

**Bl-indulgenzi** l-fidili jistghu jiksbu ghalihom stess u ghall-erwieh **tal-Purgatorju** ukoll, il-mahfra tal-piena taz-zmien misthoqqa ghad-dnubiet.

Pagna 385 Paragrafu 1579

Il-ministri kollha tal-Knisja… jghixu **fic-celibat** u jridu jharsu **c-celibat**.

Pagna 405 Paragrafu 1673

**L-ezorcizmu** solenni jew **l-ezorcizmu** l-kbir, jista' jsir biss minn sacerdot u bil-permess ta' l-isqof.

Pagna 482 Paragrafu 2041

Il-Precetti tal-Knisja.

Il-karattru **obbligatorju** ta' dawn il-ligijiet… maghmulin mill-awtoritajiet pastorali tal-Knisja.

Pagna 483 Paragrafu 2043

Il-hames precett… **l-astinenza**.

[Nota personali: Jiem ta' astinenza mil-laham:

bhala precett tal-Knisja Kattolika Rumana kull nhar ta' gimgha;

u matul il-jiem tar-Randan, l-aktar Ras ir-Randan, u l-Gimgha l-Kbira.]

Sant Wistin; Isqof ta' Ippona (353-430), Zwieg u Kuxjenza.

Is-sess hu **dnub**, anki fiz-zwieg. Il-mara u r-ragel jridu jaghmlu s-sess biss biex igibu t-tfal, biex ma jaghmlux **dnub**. Jekk jaghmlu s-sess biss biex igibu t-tfal; imma fis-sess jiehdu pjacir, jaghmlu **dnub** zghir. Jekk jaghmlu s-sess biex jinhabbu biss; jaghmlu **dnub** serju, daqs **l-adulterju**.

Fis-seklu hdax Girgor VII (1074-1079) stinka biex jimponi **c-celibat** fuq il-kleru; decizjoni li giet ikkonfermata minn Kallistu II fis-seklu ta' wara (1123). U jekk biss tghid li mhux veru li l-istat **celebi** huwa ahjar mill-istat taz-zwieg, il-Knisja Kattolika Rumana tishtek! [Koncilju ta' Trentu, (1545 u wara) sessjoni 24].

**Koncilju**

- Il-Knisja Kattolika Rumana tghallem li l-Koncilju ta' Trentu hu **nfallibli**!

Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika

Arcidjocesi Ta' Malta

Gwanni Pawlu II

25 ta' Gunju 1992

Pagna 227 Paragrafu 891

**L-infallibilita'** mwieghda lill-Knisja tinsab ukoll fil-gemgha ta' l-isqfijiet meta jhaddnu l-oghla magisteru f'ghaqda mas-successur ta' San Pietru, l-aktar f'Koncilju ekumeniku.

- Il-Knisja Kattolika Rumana **tikkwota** l-Koncilju ta' Trentu.

Il-Koncilju ta' **Trentu**: hu kwotat aktar minn **75 darba**; fil-Katekizmu tal-Knisja Kattolika, kif jispjega f'Pagna 18 Paragrafu 9, Katekizmu Ruman li ghadu jissejjah il-Katekizmu tal-Koncilju ta' **Trento**.

| Pagna | Paragrafu |
|---|---|
| 18 | 9 |

| | |
|---|---|
| 18 | 9 |
| 47 | 120 |
| 106 | 375 |
| 108 | 390 |
| 111 | 403 |
| 111 | 403 |
| 113 | 406 |
| 114 | 411 |
| 115 | 419 |
| 133 | 495 |
| 160 | 611 |
| 161 | 615 |
| 162 | 617 |
| 246 | 980 |
| 252 | 1008 |
| 255 | 1022 |
| 257 | 1031 |
| 258 | 1037 |
| 262 | 1059 |
| 281 | 1114 |
| 282 | 1121 |
| 283 | 1127 |
| 284 | 1128 |
| 284 | 1129 |
| 312 | 1250 |
| 314 | 1257 |
| 315 | 1264 |
| 317 | 1272 |
| 318 | 1281 |
| 323 | 1304 |
| 330 | 1337 |
| 337 | 1366 |
| 338 | 1371 |
| 339 | 1374 |
| 339 | 1376 |
| 339 | 1376 |
| 344 | 1394 |
| 348 | 1413 |
| 351 | 1426 |
| 353 | 1431 |
| 354 | 1436 |
| 357 | 1451 |
| 358 | 1456 |
| 358 | 1457 |
| 358 | 1457 |
| 358 | 1458 |
| 359 | 1459 |
| 359 | 1460 |
| 361 | 1468 |
| 363 | 1472 |
| 364 | 1478 |
| 369 | 1510 |
| 369 | 1511 |
| 369 | 1512 |
| 370 | 1516 |

| | |
|---|---|
| 371 | 1520 |
| 372 | 1523 |
| 386 | 1582 |
| 386 | 1583 |
| 393 | 1617 |
| 395 | 1631 |
| 403 | 1611 |
| 405 | 1674 |
| 439 | 1814 |
| 441 | 1821 |
| 472 | 1989 |
| 473 | 1993 |
| 475 | 2005 |
| 476 | 2009 |
| 476 | 2009 |
| 478 | 2016 |
| 492 | 2068 |
| 492 | 2068 |
| 506 | 2132 |
| 579 | 2515 |

- **Sahta** biex tintbaghat l-infern.

Skond l-Enciklopedija Kattolika Rumana edizzjoni 1913; meta l-Knisja Kattolika Rumana taghti l-anathema li xi hadd, il-Papa b'ritwal ipoggi **sahtiet** fuqu. Hemm ritwal miktub solenni, biex isir dan. Meta jaqra l-anathema, l-Papa jilbes hwejjeg specjali. Hu assistit minn tnax il-qassis, li jzommu xemghat mixghula. Waqt li jsejjah l-isem ta' Alla, il-Papa jghid sahta ekklezjastika solenni. Jispicca billi jghid is-sentenza; u jiddikjara li l-persuna li rcieva l-anathema, hu kkundannat **ghall-infern** ma' **Satana**. Il-qassisin jirrispondu bil-latin Fiat; halli tkun maghmula, u jitfghu ma' l-art ix-xemghat.

Il-Knisja Kattolika Rumana tikkunsidra l-erezija, nuqqas ta' qbil mad-duttrina Kattolika Rumana, bhala att kriminali. Il-Koncilju ta' Trentu, jiddikjara li kwalunkwe persuna li ma jaqbilx ma anki wahda mill-istqarrijiet ta' duttrina hu b'hekk **mishut**. Meta l-Papa jaqra l-anathema, jkun qed jghaddi sentenza fuq kriminal. L-Enciklopedija Kattolika Rumana tghid li r-ritwal ta' l-anathema hu kalkulat deliberament biex ibezza' l-kriminal; u jgeghlu jindem biex jcedi minghajr kundizzjoni, ghall-Knisja Kattolika Rumana.

[Referenzi: Collins: MA; Unmasking Catholicism, www.unmaskingcatholicism.com].

Id-digrieti tal-Koncilju ta' Trentu huma konfermati mill-Koncilju Vatikan II [perjodu 1962] u l-Katekizmu ufficjali tal-Knisja Kattolika [1992].

Id-dokumenti tal-Koncilju Vatikan II jikkwota il-Koncilju ta' Trentu bhal awtorita ghal stqarrijiet ta' duttrina, kemm fil-kwotazzjoniet u n-noti. Il-Kostituzzjoni Dommatika tal-Knisja tistqarr li l-Koncilju Vatikan II jipproponi mill-gdid, il-digriti tal-Koncilju ta' Trentu.

[Referenzi: Lumen Gentium, Kostituzzjoni Dommatika tal-Knisja, paragrafu 51. Koncilju Vatikan II, Dokumenti Konciljarjiu Post Konciljarji, Volume 1, Pagna 412.]

Id-Digrieti tal-Qassisin jghidu li l-Koncilju Vatikan II kompla ix-xoghol tal-Koncilju ta' Trentu.

[Referenzi: Optatum Totius, Digrieti tal-Qassisin, Konkluzjoni. Koncilju Vatikan II, Dokumenti Konciljarjiu Post Konciljarji, Volume 1, Pagna 724.]

- Ezempji ta' Anatemi mill-Koncilju ta' Trentu.

Jekk xi hadd ma jaccettax bhala sagri u kanonici l-kotba msemmija interament u bil-partijiet kollha taghhom [66-il ktieb tal-Bibbja u l-kotba apokrifi], kif inhuma skond id-drawwa moqrija fil-Knisja Kattolika u kif inhuma kontenuti fl-Edizzjoni antika Latina tal-Vulgata, u bi hsieb u deliberatament jichad dawn it-tradizzjonijiet; halli jkun **mishut.**

Sessjoni 4

Jekk xi hadd jghid, li bil-fidi biss l-ingusti huma ggustifikati; b'tali mod li jfisser, li xejn iktar mhu bzonnjuz biex tikkopera biex tottjeni l-grazzja tal-gustifikazzjoni… halli jkun **mishut**.

Sessjoni 6 Qanun IX

Jekk xi hadd jghid, li l-fidi ta' gustifikazzjoni mhi xejn hlief kunfidenza fil-hniena divina li tahfer id-dnubiet bil-merti ta' Kristu… halli jkun **mishut**.

Sessjoni 6 Qanun XII

Jekk xi hadd jghid, li l-gustizzja ricevuta mhix preservata u anki mhux mizjuda quddiem Alla permezz ta' l-opri tajba, imma li dawk l-opri huma biss il-frott u s-sinjali tal-gustifikazjoni ottenuta, imma mhux il-kawza taz-zieda; halli jkun **mishut**.

Sessjoni 6 Qanun XXIV

Jekk xi hadd jghid, li d-duttrina Kattolika tal-gustifikazzjoni kif imressqa mill-koncilju qaddis f'dan id-digriet, inaqqas f'xi sens mill-Glorja jew il-merti ta' Sidna Gesu' Kristu, u mhux anzi turi l-verita' tal-fidi taghna u bl-ebda nuqqas mill-glorja ta' Alla u ta' Kristu Gesu'; halli jkun **mishut**.

Sessjoni 6 Qanun XXXIII

Jekk xi hadd jghid, li wara li jkun ircieva l-grazzja tal-gustifikazzjoni, id-dejn tal-piena eterna huwa hekk mahfur lil midneb li jindem, li ma jibqa' ebda dejn ta' piena temporali x'tithallas f'din id-dinja u fid-dinja li gejja fil-purgatorju, qabel jinfetahlu l-bieb tas-saltna tas-sema, halli jkun **mishut**.

Sessjoni 6

Jekk xi hadd jghid, li s-sagramenti tal-Ligi l-Gdida ma kienux kollha mwaqqfin minn Gesu' Kristu, Sidna; jew, li huma iktar, jew inqas, minn sebgha, biex insemmuhom, Maghmudija, Konfirmazzjoni [Grizma ta' l-Isqof], l-Ewkaristija [Tqarbin], Penitenza [Qrar], l-Ahhar Dilka [Grizma tal-morda], Ordni [Ordni Sagri], u Zwieg; jew anki li kwalunke wiehed minn dawn is-seba' mhux verament u propjament sagrament; halli jkun **mishut**.

Sessjoni 7 Qanun I

Jekk xi hadd jghid, li konfirmazzjoni [Grizma ta' l-isqof] ta' dawk li huma mghammda hi cerimonja vojta u mhux verament u propjament sagrament; jew li fl-antik ma kienet xejn aktar minn speci ta' istruzzjoni, fejn dawk li jersqu lejn l-addoloxxenza jaghtu kont tal-fidi taghhom lil Knisja; halli jkun **mishut**.

Sessjoni 7

Jekk xi hadd jghid, li fil-Knisja Rumana, li hi l-omm u s-sinjura tal-knejjes kollha, mhemmx id-dottrina vera li tikkoncerna s-sagrament tal-maghmudija; halli jkun **mishut**.

Sessjoni 7 Qanun 3

Jekk xi hadd jghid, li s-sagramenti tal-Ligi l-Gdida mhumiex necessarji ghas-salvazzjoni, imma superfluwi; u li, minghajrhom, u anki minghajr ix-xewqa taghhom, il-bnedmni jottjenu minghand Alla, permezz tal-fidi biss, il-grazzja tal-gustifikazzjoni; peress li [s-sagramenti] kollha mhumiex fil-fatt necessarji ghal kull individwu; halli jkun **mishut**.

Sessjon 7 Qanun IV

Jekk xi hadd jghid, li l-maghmudija hi apparti, jigifieri, mhiex necessarja ghas-salvazjoni; halli jkun **mishut**.

Sessjoni 7 Qanun V

Jekk xi hadd jghid, li l-Kristjani kollha ghandhom il-poter li jamministraw il-kelma, u s-sagramenti kollha; halli jkun **mishut**.

Sessjoni 7 Qanun X

Jekk xi hadd jghid, li tfal zghar, peress li m'ghandhomx fidi attwali, mhumiex, wara li jircievu l-maghmudija, li jigu meqjusa flimkien mal-fidili; u li; ghal din ir-raguni, huma ghandhom jigu jergghu mghammdin meta jkollhom l-eta' tad-diskrezzjoni; jew; li hu ahjar li l-maghmudija ta' dawn tkun mnehhija, milli peress, waqt li ma jemmnux b'att taghhom infushom, huma ghandhom ikunu mghammdin fil-fidi uniku tal-Knisja; halli jkun **mishut**.

Sessjoni 7 Qanun XIII

Jekk xi hadd jichad, li fis-sagrament ta' l-Ewkaristija l-aktar qaddisa, hemm verament kontenuti, realment, u sostanzjalment, il-gisem u d-demm flimkien ma' r-ruh u d-divinita' ta' Sidna Gesu' Kristu, u bil-konsegwenza Kristu kollu; imma jghid li Hu hemm biss forma ta' sinjal, jew figura, jew mhux reali; halli jkun **mishut**.

Sessjoni 13 Qanun I

